# 334 SENA ILU

Nhar il-Ħamis li ġej il-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl tagħlaq 334 sena mindu twaqqfet fis-sena 1688. Kemm għaddew snin u kemm għaddew minn taħbit dawk kollha li ġew qabilna! U kif jgħid il-Papa Franġisku, kemm kellha opportunitajiet ixxandar lill-Mulej! Għax il-Ferħ tal-Knisja huwa li xxandar il-Vanġelu. Il-ferħ tal-Knisja huwa li tlaqqa' lill-parruċċani ma' Ġesù Ħaj.



Illum il-parroċċa għandha 334 sena. Tidher xiħa imma huwa bħalissa li trid tkun żagħżugħa. Iva, il-parroċċa, bħall-Knisja kullimkien, għandha bżonn l-enerġiji biex tiffaċċja l-isfidi tal-lum:

- Kif qalilna l-Papa f'Ta' Pinu, irid ikollna l-kuraġġ noħolmu metodi ġodda ta' apostolat.
- Irridu nirriskjaw biex il-Vanġelu ta' Ġesù, l-unika aħbar b'garanzija li mhix *fake news*, tasal fil-qlub tal-bnedmin.
- Il-Knisja trid taħdem b'metodi li jmissu l-kordi taż-żgħażagħ li jfittxu direzzjoni u destinazzjoni. Il-Knisja trid tasal sat-truf, sar-realtajiet u l-persuni li jħossuhom skomdi jew jirriġettaw dak li noffrulhom.

Illum iċ-ċentru m'għadhiex il-pjazza tar-raħal. Kull komunità llum għandha iktar minn ċentru wieħed. Hemm iċ-ċentru ta' min jemmen, iċ-ċentru ta' min hu kontra, iċ-ċentru ta' min hu bla boxxla u morali. Imma l-esperjenzi ta' 334 sena juruna li għalkemm il-parroċċa għandha u kellha l-iżbalji tagħha, illum għadha toffri "prodott" li huwa importanti u vitali. Iva l-parroċċa twaqqfet min-nies tant snin ilu, sabiex tagħmilha possibbli għal dawk li jgħixu f'din il-lokalità li jagħmlu esperjenza ta' laqgħa ħajja, meħtieġa, ma' Ġesù Kristu.

X'rigal se nagħtu lill-Parroċċa, fl-anniversarju tagħha? L-aħjar ħaġa hija li nkunu fiha bħal kolla li torbot u tgħaqqad, bħal demm li jdur mal-vini kollha, bħal ftit jew ħafna ilma li jsaqqi l-pjanti kollha.

Nirringrazzjaw lil Alla li wasalna s'hawn. Nagħtu s-sehem tagħna biex nibqgħu sejrin.

**Nhar il-Ħamis, 28 t'April, f'Jum il-Parroċċa se ssir konċelebrazzjoni fil-knisja, fis-7:00pm.**

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI:**

**ĠABRA SPEĊJALI GĦAS-SEMINARJU MAĠĠURI:** f'dan il-weekend, 23-24 t'April, waqt il-quddies. Tista' anke tgħaddi d-donazzjoni tiegħek ma' xi saċerdot jew permezz ta' bank transfer:
APS Account number: 2000162755-8
IBAN Number: MT27APSB77035008161820001627558
Grazzi bil-quddiem tal-ġenerożità tiegħek!

**IL-FESTA TAL-ĦNIENA DIVINA:** taħbat dan il-Ħadd, 24 t'April. Fl-4:00pm issir is-Siegħa tal-Ħniena Divina fil-knisja. Fil-5:00pm ikun hawn quddiesa ad unur tal-Ħniena Divina. Kulħadd huwa mistieden għal dan il-ħin ta' talb.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 28 t'April se ssir l-Ikla tal-Għid f'nofsinhar. Għall-biljetti ċemplu lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**LOTTERIJI:**

- Ir-rebbieħa tal-inkwatru tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Għaqda Armar Diċembru 13 hija Romina Grech ta' Triq San Blas bin-numru tal-biljett 870 (AD 491534) kulur roża.
- Ir-rebbieħa tal-Irxoxt tal-Għaqda Armar Triq it-Tramuntana hija Maria Camilleri li toqgħod Triq Diċembru 13, in-Nadur. Grazzi lil kull min ħa sehem.

**ENGLISH CORNER**

*The Eighth Day in the Octave of Easter—24th April*
*John 20:29*

Blessed are those who have not seen yet they believe!

Saint Maria Faustina Kowalska of the Blessed Sacrament was known to very few people during her lifetime. But through her, God has spoken the message of His abundant mercy to the entire Church and world. This is the mercy we celebrate today, the mercy whose greatest practitioner is God Himself. Because He is the seat of all authority, God is also the seat of all mercy.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am